# Minuti tal-Ħamsa u Sebgħin (75) il-laqgħa
# tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur
# Nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2011 fis-7:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Charles Said informa lis-Segretarja li ma setgħax jattendi.

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 74 inqraw, ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Laqgħa tac-Charter.** Il-Kunsillier Maria Natoli tat rendikont tal-laqgħa tac-Charter li saret f'Desborough UK f'Novembru 2011. It-tema tal-laqgħa kienet il-volontarjat. Il-laqgħa li jmiss hija taz-zgħazagħ fi Frar fil-Latvia. Ser jattendi għall-laqgħa Nathan Portelli bħala president. Rapprezentanti oħra li ser jattendu għal din il-laqgħa ser jiġu magħzula waqt laqgħa taz-zgħazagħ.

4. **Bring In Sites.** Il-Bring In Sites għall-istabilimenti kummerċjali tpoġġew ħdejn il-Bring In Sites l-oħra fi Triq it-Tiġrija (quddiem l-iskola primarja). Il-Kunsilliera rrimarkaw li dawn qegħdin sewwa hemmhekk peress li l-bankina hija wiesa ħafna. Huma tpoġġew wara l-Bring In Sites l-oħra u għalhekk ma tantx jidhru. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li kien hemm ilment wieħed dwar dawn. Is-Segretarja talbiet lil din il-persuna biex tissuġġerixxi post ieħor ċentrali fejn dawn jistgħu jitpoġġu izda din il-persuna ma kellhiex suġġerimenti oħra. Il-Kunsilliera qablu li dawn il-bring in sites ġodda għandhom jibqgħu hemm.

5. Korrispondenza.

(4122) Memo 115/2011 Mistoqsija Parlamentari Numru 30429
(4123) Memo 116/2011 Talbiet Mill-Kunsill Lokali għal self mill-bank
(4124) Memo 117/2011 Skema Nazzjonali ta' Għajnuna għal min hu fil-bzon
(4125) Memo 118/2011 EIE Excellence in Leadership Scholarship and Award
(4126) Memo 119/2011 Ezenzjoni mill-obbligu tal-ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv nhar ta' Sibt
(4127) Ittra mit-Transport Malta dwar pedestrian crossing fi Triq ir-Rabat
(4128) Technical Evaluation Report dwar "Tender for the Supply of Decorative Luminaries for Triq Dicembru 13
(4129) Stedina mill-MUSEUM tas-Subien għall-attivitajiet tal-Milied
(4130) Ittra minn Joseph Portelli (Nursery Manager) dwar l-applikazzjoni tal-iskate park

(4131) Email mingħand il-Perit Robert Grech dwar Triq ta’ Hida
(4132) Ittra mingħand John Camilleri (Triq tal-Hanaq) dwar double yellow lines
(4133) Approvazzjoni ta’ varjazzjoni fuq il-kuntratt tal-PPP mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali
(4134) Ittra mingħand il-Moviment ta’ Kana Għawdex dwar il-konkors “Familja Qalb tad-Deheb”
(4135) Kopja ta’ kuntratt mingħand Alfred Cini dwar ftuh ta’ triq
(4136) Ittra mit-Transport Malta dwar Double Yellow Lines fi Triq Hanaq
(4137) Ittra mill-MEPA (Request for Information) dwar Underground Shelter
(4138) Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Leave tas-Segretarji Ezekuttivi

6. **Vacation Leave.** Is-Sindku għamlet mozzjoni sabiex il-leave pendenti tas-sena 2011 tas-Segretarju Ezekuttiv jiġi mġedded għas-sena 2012. Dan peress li kien hemm ċirkustanzi straordinarju matul is-sena 2011 li għalhekk is-Segretarja ma setgħatx tieħu il-leave. Il-Kunsillier Rita Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-Kunsilliera prezenti l-oħra qablu ma’ din il-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet.

7. **Pedestrian Crossing fi Triq ir-Rabat.** Il-Kunsill għandu jitlob lill-perit Robert Grech sabiex jindika fejn jistgħa jsir pedestrian crossing fi Triq ir-Rabat. Meta jasal dan l-informazzjoni għandu jintbagħat lit-Transport Malta.

8. **Offerti.** Il-Contract Manager, l-Inġinier Renzo Curmi bagħat ir-rapport ta’ evalwazzjoni dwar l-offerti mitfugħa għad-dwal ornamentali fi Triq Diċembru 13. Ir-rapport tiegħu jindika li l-ebda offerta ma tissodisfa it-talbiet ta’ l-offerti u għalhekk il-parrir tiegħu huwa li din l-offerta ma tingħatax. Il-Kunsill iddeċieda li għandha terġa toħroġ din l-offerta. Dawk li tefgħu l-offerta l-ewwel darba jkunu ezenti milli iħallsu l-mizata biex jigbru l-offerta.

9. **Skatepark.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Joe Portelli (coach tan-Nursery (NYFC) biex il-kunsill jieħu in konsiderazzjoni li meta jkun ser issir il-proġett ta’ l-iskatepark isiru faċilitajiet ta’ dressing room għan-Nursery. Din it-talba għandha tintbagħat lill-perit li qed jieħu ħsieb dan il-proġett.

10. **Kuntratt ta’ Gbir ta’ Recycling.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Joe Attard tal-Green MT fejn ġie informat li l-Kuntratt ser jiskadi f’Marzu 2012. Hu talab lill-parteċipanti ta’ din l-iskema biex jikkonfermaw il-partecipazzjoni tagħhom ma l-istess skema sal-31 ta’ Dicembru 2012. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill tan-Nadur għandu ikomplu b’dan is-servizz mal-Green MT. Inġibdet l-attenzjoni dwar il-materjal riċikklabbli li jkun hemm wara l-monti ta’ nhar l-Erbgħa. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Green MT diġa qed jiġbor dan il-materjal.

11. **Triq ta’ Hida.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-perit Robert Grech fejn ġie infurmat li l-passaġġi li hemm fi Triq Ta’ Hida mhumiex propjeta tal-Gvern. Il-perit kien ta’ l-idea li jekk dawn il-passaġġi huma propjeta tal-Gvern jerġgħu jinfetħu (jitneħħa l-konkos) sabiex l-ilma tax-xita jkun jista jinzel u b’hekk ma jkunx hemm għadajjar kbar ta’ l-ilma fit-triq li qed jikkaġunaw ħsarat fil-propjeta tar-residenti.

12. **Public Private Partnership.** Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tal-varjazzjoni tal-kont tal-PPP mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

13. **Familja Qalb tad-Deheb.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Moviment ta’ Kana dwar il-konkors “Familja Qalb tad-Deheb” sena 2011. Is-Sindku, Miriam

Portelli ssuġġeriet il-Familja Mifsud ta' Triq it-Telegrafu. Wara diskussjoni l-Kunsilliera qablu li din il-familja speċjalment it-tifel Paul Mifsud għandhom jiġu nnominati.

14. **Triq tat-Tarġa.** Kienu preżenti Alfred u Paul Cini. Alfred Cini talab sabiex tinfetah it-Triq tat-Tarġa għall-pubbliku b'tali mod li meta tkun ġej mir-Rabat ma jkunx hemm bzonn li jdur fuq il-lemin iżda tibqa' sejjer bid-dritt. Dan għaliex qal hu li kif inhi hija perikuluza. Hu pprezenta kopja ta' kuntratt fejn hemm indikat li hemm raba li għandha tintuza għal dan l-iskop. Il-Kunsilliera ma ħax deċizjoni dwar din il-kwistjoni izda għandu jara d-dokumenti prezentati u l-materja terġa' tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

15. **Kontijiet.** Il-Kunsill irċieva diversi kontijiet inkonnessjoni mal-proġett Europe for Citizens' Programme. Il-Kunsill approva li jitħallsu spejjes sa €5000.00 (fondi li diġa irċieva l-Kunsill mingħand il-parteċipanti barranin). Il-komplament jitħallsu meta l-Kunsill jirċievi l-fondi mingħand l-UE.

16. **Offerti.** Il-Kunsill irċieva offerta waħda għas-sejħa ta' "Cleaning and Maintenance of Public Convenience at North Street Nadur". Din kienet ta' Saviour Meilak bil-prezz ta' €195 fix-xahar. Il-Kunsill approva din l-offerta u ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur għandu jagħmel il-manutenzjoni li hemm bzonn kollu hu u mhux il-ħaddiema tal-Kunsill.

    Il-Kunsill irċieva offerta waħda għas-sejħa ta' Service of Open Skip Attendant and General Hand". Din kienet ta' John Ivan Xuereb bil-prezz ta' €5.00 fis-siegħa. Il-Kunsill approva din l-offerta. John Ivan Xuereb għandu jkun prezenti waqt il-ħinijiet ta' l-iskips u f'ħinijiet oħra kif jordna l-Kunsill.

17. **Bandiera tal-Kunsill.** Il-Vici Sindku permess ta' messaġġ ġibed l-attenzjoni li l-bandiera tal-Kunsill mhux tkun imtella dejjem waqt funeral. Hu issuġġerixxa li dan is-servizz jingħata lil Mario Cassar peress li mhux ikun hemm servizz tajjeb. Il-Kunsilliera ma qablux ma dan is-suġġeriment iżda qalu li għandha tinġibed l-attenzjoni lill-Arċipriet peress li l-abbatini huma inkarigati minn dan is-servizz.

18. **Christmas Market 2011.** Il-Kunsillier Rita Mifsud rrimarkat li l-Christmas Market kif ukoll l-organizzazzjoni tal-grupp barrani minn Cicciano li kienu fostna matul il-jiem tal-Christmas Market kienu organizzati tajjeb ħafna. Hi rringrazzjat lis-Sindku Miriam Portelli u lis-Segretarja Rita Mifsud Attard tax-xogħol li għamlu. Is-Sindku kompliet tgħid li mingħajr l-għajnuna ta' ħafna voluntiera dawn it-tip ta' attivitajiet ma jkunux possibbli li jsiru. Is-Sindku rringrazzjat lill-volontiera kollha b'mod speċjali lill Joseph Camilleri, Ines u Peter Buttigieg u Eucharist Camilleri.

19. **Kaz tal-Qorti.** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-kaz tal-Qorti (Pulizija vs. Saviour Xiberras) inqata'. Saviour Xiberras ġie liberat. Dan huwa l-kaz dwar l-inċident allegat tal-ksur tal-windshield tal-karrozza ta' Debono.

20. **Germanja.** Is-Sindku għamlet zjara fir-raħal ta' Ingelheim fil-Germanja waqt li kienet il-Germanja bl-istudenti. Huma talbu li jibda jkun hemm exchanges bejn ir-raħal tagħhom u n-Nadur.

21. **Fergħa tal-Bank.** Il-Kunsill ġie nfurmat minn uffiċċjali tal-bank HSBC li l-fergħa tan-Nadur ser tagħlaq fil-xhur li ġejjin. Is-Sindku wriet id-dizappunt tal-Kunsill għal dan in-nuqqas ta' servizz fir-raħal.

22. **Festa ta' San Blas.** Is-Sindku ġiet avviċinata minn Margaret Magrin dwar l-organizzazzjoni tal-festa ta' San Blas li ssir fi Frar. Il-Kunsilliera qablu li din l-attivita' għandu jiġi nvolut il-Kunsill. Għandha ssir laqgħa mal-organizzaturi ta' din l-attivita.

23. **Affarijiet oħra.** Charles Said permess ta' SMS informa lill-Kunsill li hemm ħajt imwaqqa fi Triq ta' Majza. Maria Natoli ġibded l-attenzjoni dwar camper li hemm pparkjata fi Triq tad-Duru. Qed issir ħafna vandalizmu fil-Playing Field tal-Hali. Il-pulizija ġew nnotifikati diversi drabi dwar dan.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar fis-7:30 p.m.